# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru 28**

**Citaz. numru: 876/92 NA**

**John Farrugia**

**vs**

**Anthony Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-3 ta' Awissu 1992 illi permezz taghha l-istess attur ippremetta illi:

(i) kien sar ftehim bejn il-kontendenti fid-19 ta' Novembru 1992 li in forza tieghu l-attur kien hallas lill-konvenut is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bhala depozitu in konnessjoni max-xiri u l-akkwist tal-vettura tal-ghamla "Mini Minor: bin-numru ta' registrazzjoni G-7373 bil-prezz ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) filwaqt

illi l-bilanc ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) kellu jithallas aktar tard;

(ii) dan il-bejgh gie sfrattat ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

(iii) il-konvenut qabad u ha lura l-karozza in kwistjoni;

(iv) il-konvenut irrifjuta li jirrestitwixxi lill-attur is-somma ta' Lm500 imhallsa bhala depozitu flimkien ma' somma ulterjuri ta' Lm30.25 rapprezentanti Lm16 bhala *transfer fee* tal-mini van numru E-4974, Lm3.25 prezz ta' *solonoid*, Lm6 *petrol* u Lm5 *towing*, u dan minkejja li gie nterpellat b'ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 1992;

U ghalhekk TALAB lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju jirrestitwilu s-somma ta' Lm530.25, kif fuq inghad, prevja d-dikjarazzjoni illi l-bejgh tal-vettura gie sfrattat minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-19 ta' April 1992, kotnra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li permezz taghha gie eccepit illi:

1. It-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-bejgh tal-vettura in kwistjoni kien fil-fatt sar izda l-attur naqas li jhallas lill-konvenut il-bilanc ta' Lm300, liema bilanc kellu jithallas ezatt mal-konsenja tal-vettura, u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet, u ghalhekk mhux talli l-konvenut ma kienx debitur ta' l-attur izda vice versa; u

2. l-ispejjez ta' Lm30.25 mitluba mill-attur m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-bejgh in kwistjoni u ghalhekk il-konvenut ma kellux dritt ghal din is-somma.

Rat ukoll il-kontro-talba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant li, wara li ppremetta illi:

(i) l-attur rikonvenzjonat kien xtara l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni F-7373 minghand il-konvenut

rikonvenzjonant bil-prezz ta' Lm800, kien hallas Lm500 akkont fid-19 ta' April 1992 u kellu jhallas il-bilanc ta' Lm300 meta l-vettura tkun lesta;

(ii) il-konvenut rikonvenzjonant kellu jaghmel xi xogholijiet fuq din il-vettura, dawn il-fatt saru w il-vettura inghatat lill-attur rikonvenzjonat;

(iii) l-attur rikonvenzjonat naqas milli jhallas il-bilanc minnu dovut ta' Lm300 minkejja li gie interpellat diversi drabi ghal dan l-iskop;

U ghalhekk TALAB lil din il-Qorti biex tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat biex ihallsu s-somma ta' Lm300 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni G-7373, bl-ispejjez kontra l-istess l-attur rikonvenzjonat.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenut, anke in linea rikonvenzjonali.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet rikonvenzjonali ta' l-attur rikonvenzjonat illi eccepixxa li t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti ta' l-attur rikonvenzjonat.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-27 ta' Novembru 1992 illi permezz tieghu giet nominat Dr. Irene Bonello bhala Perit Legali, bis-soliti fakoltajiet, sabiex tisma' x-xhieda u tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 1996 illi permezz tieghu l-attur gie awtorizzat sabiex jaghmel mistoqsijiet lill-ufficjali tal-Pulizija relatati mat-tehid tal-vettura in kwistjoni da parti tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni prezentata u mahlufa mill-Perit Legali Dr. Irene Bonello fit-12 ta' Jannar 1998.

Rat l-atti kollha processwali;

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda bejgh ta' vettura tal-ghamla "Mini Minor" bin-numru ta' registrazzjoni G-7373 mill-konvenut lill-

attur. Il-prezz miftiehem kien ta' Lm800, li minnhom l-attur kien hallas Lm500 u kien fadal bilanc ta' Lm300. Dawn il-fatti huma pacifici bejn il-partijiet u dwarhom ma hemmx kontestazzjoni. Il-kwistjoni kollha tikkonsisti fil-fatt illi l-attur qieghed jitlob ir-restituzzjoni tas-somma ta' Lm500 minghand il-konvenut peress illi dan kien sfratta l-bejgh u ha l-karozza lura, filwaqt illi l-konvenut qed jitlob il-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm300 illi l-attur kien naqas milli jhallsu fiz-zmien kif miftiehem. Huwa pacifiku wkoll il-fatt illi t-*transfer* tal-vettura *de quo* ma kienx sar u li l-konvenut kien ha l-karozza lura ghaliex ma kienx thallas il-bilanc ta' Lm300 mill-attur – pero' filwaqt li l-attur ighid illi huwa ma kienx hallas il-bilanc lill-konvenut ghaliex dan ma kienx ikkompletalu xi xogholijiet illi kellhom isiru fuq il-vettura, il-konvenut jinnega dan il-fatt u jsostni illi l-attur semplicement ried jivvinkola ruhu mill-bejgh.

Illi l-ewwel kwezit illi jehtieg illi jigi nvestigat huwa jekk effettivament kienx gie konkluz il-bejgh tal-vettura in kwistjoni o meno. Ir-regola generali rigwardanti l-mument meta l-bejgh huwa konkluz hija dik stabbilita fl-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili illi tistipula li "*l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta' tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun*

*ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej*". Issa fil-kaz odjern m'hemmx dubju illi kien intlahaq ftehim kemm fuq il-haga – u cioe' vettura tal-ghamla "Mini Minor" bin-numru ta' registrazzjoni G-7373 – u kif ukoll fuq il-prezz – u cioe' Lm800 – u sahansitra kienet saret ukoll il-kunsinna tal-vettura mill- konvenut, il-bejjiegh, lill-attur, ix-xerrej.

Din il-Qorti tosserva pero' illi l-bejgh ta' vetturi huwa regolat b'regoli specjali, u senjatament ir-regola illi fil-kaz ta' bejgh ta' vettura l-ftehim bil-miktub bejn il-venditur u l-kompratur huwa mehtieg *di rigore* u minghajr tali ftehim in iskritt il-bejgh huwa inezistenti, liema regoli specjali ghandhom japplikaw u dan in linea mal-principju kardinali "*lex specialis derogat lex generalis*."

Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (per Imhallef Onor. Dr. Joseph Said Pullicino) fit-28 ta' Jannar 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Fedele Dalli vs Alfred Caruana" li fiha l-Qorti enuncjat illi "*… huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza illi l-forma ta' l-iskrittura f'kazijiet ta' kompravendita' ta' vettura hi wahda "di rigore".*

*Hu stabbilit illi l-ligi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss "ab probationem" imma "ab substantiam et validitatem". A differenza tan-nuqqas tal-boll fuq skrittura li jista' jigi rimedjat, il-konvenzjoni ta' bejgh ta' vettura bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni azzjoni jew eccezzjoni. L-inosservanza ta' din il-forma preskritta bil-ligi ggib il-konsegwenza tan-nullita' jew l-inezistenza tal-kuntratt "ipso jure".*"

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fis-7 ta' Dicembru 1956 fil-kawza fl-ismijiet "Henry Falzon pro et noe vs Carmelo Tanti"; kif ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (per Imhallef Onor. Dr. M. Caruana Curran) fit-12 ta' Dicembru 1963 fil-kawza fl-ismijiet "George Caruana vs Giuseppe Bonett" li fiha l-Qorti ppronuncjat ruhha kif gej" "*Illi n-nullita' lanqas ma giet sanata bil-konsenja tal-karozza jew bl-accettazzjoni ta' tliet liri akkont. Anzi jidher gust li l-attur qabel ma jiehu lura l-karozza kif qieghed jitlob, jew meta jehodha lura, jirrestitwixxi lill-konvenut it-tliet liri akkont li ha minghandu … kemm biex il-partijiet ikunu rrestitwew reciprokament lil xulxin dak kollu li huma rcevew jew ippercepew in vista tal-kontrattazzjoni nulla (Art. 593 (1) u*

*1253 (1) tal-Kodici Civili) kemm biex jigi evitat kwalunkwe arrikkiment indebitu …*"

Il-Qorti tosserva illi fir-rigward ta' bejgh ta' vetturi dan il-generu ta' negozju kien originarjament regolat bl-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll (Kap. 68 tal-Ligijiet ta' Malta), liema ligi kienet giet revokata u rimpjazzata bl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti – Att Numru XXXI tal-1981 (Kap. 294 tal-Ligijiet ta' Malta), liema korp ta' ligi kien japplika meta sar in-negozju in kwistjoni bejn il-kontendenti odjerni. L-Artikolu 40 (1) ta' l-Att Nmru XXXI tal-1981 kien jipprovdi illi "*kull trasferiment li ghalih japplikaw l-Artikoli 38 u 39 ta' dan l-Att [senjatament trasferiment ta' karozzi bil-mutur], taht il-piena tan-nullita', ghandu jsir bil-miktub.*" Il-Qorti tosserva wkoll illi din il-ligi giet revokata bl-Att Numru XVII tal-1993, ilil ghadha *in vigore* sallum, u din il-ligi wkoll, fl-Artikolu 38 sub-inciz (1), tippreskriva "*taht piena ta' nullita'*" il-forma skritta fir-rigward ta' trasferimenti ta' vetturi.

Illi ghaldaqstant jirrizulta bl-izjed mod car u manifest illi fin-nuqqas ta' skrittura ta' bejgh il-bejgh tal-vettura in kwistjoni bejn il-kontendenti odjerni huwa null u bla ebda effett. L-attur esebixxa fotokopja ta' ricevuta datata 19 ta' April 1992 bhala

Dokument "A" mac-citazzjoni promotrici (a fol. 5 tal-process) u esebixxa l-istess ricevuta in original waqt id-deposizzjoni tieghu moghtija fis-seduta li nzammet quddiem il-Perit Legali fil-21 ta' Jannar 1993 (a fol. 46A tal-process). Din il-Qorti thoss pero' illi tali ricevuta ma tista' qatt titqies bhala li tikkostitwixxi skrittura ta' bejgh tal-vettura *de quo* stante illi diversi elementi essenzjali illi kellhom jigu nkluzi f'tali skrittura ta' bejgh huma ghal kollox karenti – bizzejjed wiehed isemmi d-dettalji pesonali tal-bejjiegh u l-kompratur, il-firma tal-kompratur, u d-dettalji tal-karzoza *de quo*, fosthom numru ta' registrazzjoni, numru tal-magna u *chassis*. L-iskrittura tad-19 ta' April 1992 mhi xejn ghajr semplici ricevuta rilaxxjata da parti tal- konvenut venditur illi permezz taghha ddikjara illi huwa kien ircieva minghand l-attur is-somma ta' Lm500 bhala depozitu mill-prezz ta' Lm800 u li l-bilanc kellu jithallas "meta tkun lesta". Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzzjoni illi fil-kaz odjern il-kontendenti ma kienux iffirmaw skrittura ta' kompravendita tal-vettura in kwistjoni, liema skrittura hija rikjesta mil-ligi a*b validitatem* u ghaldaqstant il-bejgh tal-vettura *de quo* huwa null u bla ebda effett fil-ligi.

Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-fatt illi l-konvenut, u cioe' l-bejjiegh, ha lura l-pussess tal-karozza in kwistjoni. Hemm zewg verzjonijiet dijametrikament opposti forniti miz-zewg kontendenti rigwardanti r-raguni ghaliex l-attur ma hallasx il-bilanc lill-konvenut u ghalhekk il-konvenut ha lura l-karozza. Il-Qorti tosserva illi investigazzjoni dwar liema verzjoni hija dik veritjiera certament mhix xi ezercizzju facili, u dan anke minhabba n-nuqqas ta' skrittura bil-miktub illi tkun tista' tixhet dawl car fuq il-materja in kwistjoni. L-uniku indizju bil-miktub hija l-klawsola mnizzla fir-ricevuta datata 19 ta' April 1992 (vide *supra*) fis-sens illi "*l-kumplament ta' Lm300 jithallsu [mill-attur] meta tkun lesta.*" Iz-zewg partijiet jaghtu wkoll zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti rigwardanti l-interpretazzjoni ta' din il-klawsola, u mill-provi prodotti difficilment din il-Qorti tista' tasal biex tiddeduci liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija dik li tirrispekkja r-realta'.

Il-Qorti tosserva pero' illi lanqas ma hemm htiega ghal tali investigazzjoni, u dan ghar-ragunijiet li se jigu hawn spjegati. L-attur qieghed jitlob ir-rifuzjoni tad-depozitu illi huwa kien hallas filwaqt illi l-konvenut qieghed jitlob il-bilanc mill-prezz, u dan rigwardanti l-prezz ghall-bejgh ta' vettura, liema bejgh, kif fuq spjegat, huwa null skond il-ligi. In oltre, il-konvenut diga'

ha pussess lura tal-karozza in kwistjoni, u ghalkemm huwa qieghed jitlob il-hlas tal-bilanc, ma jirrizulta illi huwa ghamel xejn biex ipoggi l-partijiet fl-istat li kienu fih qabel, u cioe' li, qabel ma jitlob il-hlas tal-bilanc, joffri l-vettura lill-attur u, f'kaz illi dan jirrifjutaha, jiddepozitaha taht l-Awtorita' tal-Qorti. Il-konvenut ha lura l-karozza, zammha ghandu ghal dawn is-snin kollha, jirrizulta wkoll, mix-xhieda moghtija mill-konvenut stess, illi xi zmien wara sahansitra bieghha lil terzi, u xorta wahda qieghed jippretendi l-hlas tal-bilanc minn ghand l-attur fuq il-prezz ta' vettura illi finalment inzammet minnu u sahansitra nbieghet lil terzi.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-provvedimenti ta' l-Artikolu 1209 tal-Kodici Civili illi jimponu l-obbligu illi qabel ma wiehed jaghmel azzjoni ghar-rexissjoni ta' kuntratt irid l-ewwel irodd lura lill-parti l-ohra l-oggett illi huwa jkun ircieva bis-sahha ta' dak il-kuntratt. Il-Qorti taghmel riferenza ghal diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati dwar dan il-punt, fosthom il-kawza "Carmel Vella vs Rosalie Mifsud" deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (presjeduta mill-Imhallef Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici) fit-2 ta' Novembru 1990. Fil-kaz odjern, il-konvenut rikonvenzjonant qed jippretendi li jaghmel kontro-talba u jitlob il-hlas tal-bilanc dovut fuq l-allegat bejgh, pero', fl-istess waqt,

huwa ha l-karozza in kwistjoni, zammha ghandu u addirittura bieghha lil terzi.  Il-Qorti tosserva illi kieku l-konvenut rikonvenzjonant verament ried jinforza l-hlas tal-bilanc fuq l-allegat bejgh, huwa kellu, fl-ewwel lok, jerga' jqieghed lill-attur rikonvenzjonat fil-pussess tal-karozza in kwistjoni.  Oltre dan, kieku din il-Qorti kellha tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat bex ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant l-ammont rikjest bhala bilanc fuq il-prezz tal-vettura in kwistjoni, meta din il-vettura ma tinsabx fil-pussess ta' l-attur rikonvenzjonat, effettivament tkun qieghdha tarrikixxi indebitament lill-konvenut rikonvenzjonant a spejjez ta' l-attur rikonvenzjonat.

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-kwistjoni ohra illi qamet fil-kors tad-deposizzjoni tal-konvenut.  Il-konvenut fis-seduta tal-25 ta' April 1995 sostna illi huwa qal lill-attur is-segwenti diskors – "*la trid il-flus, dawn inti tajthomli bhala kapparra, u ghalhekk ghalija inti tlifthom.*".  Din il-Qorti tosserva illi, fl-ewwel lok, din id-difiza ma tqajmitx in via ta' eccezzjoni mill-konvenut fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, u ghalhekk ma tistax titqajjem *en passant* waqt li l-konvenut qieghed jixhed; u, fit-tieni lok, ir-ricevuta datata 19 ta' April 1992 (vide *supra*) redatta w iffirmata mill-konvenut  stess tindika illi s-somma ta' Lm500 thallset "*bhala depozitu fuq is-somma ta' Lm800 ta'*

*bejgh ta' karozza Mini Minor …*" u ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubju illi tali somma ta' Lm500 thallset bhala depozitu akkont tal-prezz u mhux bhala kapparra. Konsegwentement din it-tezi tal-konvenut bla ebda dubju ma tistax treggi.

Din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra t-talba ta' l-attur biex il-konvenut jigi kkundannat ukoll li jhallas is-somma ulterjuri ta' tletin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm30.25) konsistenti fis-segwenti: (i) Lm16 bhala *transfer fee* tal-mini van bin-numru ta' registrazzjoni E-4974; (ii) Lm3.25 prezz ta' *solonoid;* (iii) Lm6 *petrol* u (iv) Lm5 *towing.*

Il-Qorti tosserva illi, mill-provi prodotti, jirrizulta illi, ghar-rigward ta' l-ispejjez tal-*petrol*, jirrizulta illi l-attur saq il-karozza in kwistjoni w allura zgur illi kkonsma xi *petrol* ghall-uzu u tgawdija tieghu personali, u ghalhekk ma jistax jippretendi hlas ghal tali *petrol* minghand il-konvenut. Ghar-rigward ta' l-ispejjez tat-*towing*, ghal darb'ohra hemm zewg verzjonijiet konfliggenti, li l-attur isostni li l-karroza waqfet ghax kellha l-hsara filwaqt li l-konvenut isostni li l-karozza waqfet bla *petrol*. Il-Qorti ssib illi din it-talba ghall-ispejjez tat-*towing* ma gietx pruvata, kif lanqas ma giet pruvata t-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm16 bhala *transfer fee* tal-mini van bin-numru ta'

registrazzjoni E-4974, stante wkoll illi ma jezisti ebda ness guridiku bejn dawn l-ispejjez u l-konvenut. Ghar-rigward ta' l-ispejjez tas-*solonoid*, din it-talba tirrizulta pruvata mix-xhieda ta' l-attur u r-ricevuta esebita minnu a fol. 46C tal-process, u ghalhekk ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici pero' kwantu ghas-sorte sal-ammont ta' hames mija u tliet liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm503.25) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) is-somma mhallsa mill-attur lill-konvenut akkont tal-prezz tal-vettura tal-ghamla "Mini Minor' bin-numru ta' registrazzjoni G-7373, liema somma ghandha tigi rifuza mill-konvenut lill-attur, u in kwantu ghas-somma ta' tliet liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezimu (Lm3.25) rapprezentanti spejjez ta' rimpjazzament ta' *solonoid* inkorsi mill-attur fiz-zmien meta l-karozza *de quo* kienet fil-pussess tieghu, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut filwaqt illi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut "in parte" u cioe' sal-ammont ta' sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm27), tichad il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

Ghar-rigward ta' spejjez, l-ispejjez tat-talba principali ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal erba' kwinti minn hamsa (4/5) mill-konvenut filwaqt li kwint (1/5) ghandhom jigu sopportati mill-attur, filwaqt illi l-ispejjes tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.

Ghar-rigward ta' imghax, jirizulta illi l-konvenut gie interpellat ghall-hlas mill-attur permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 1992, u stante illi ma jirrizultax illi l-kontendenti huma negozjanti u li n-negozju bejniethom kien jikkostitwixi att kummercjali, il-konvenut qieghed jigi kkundannat biex ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tliet liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezimu (Lm503.25) bl-imghax legali mill-11 ta' Gunju 1992 u mhux mid-19 ta' April 1992 kif mitlub mill-attur.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.